**Soċjetà Filarmonika De Paule Banda Kristu Re, Paola**

# Festa Kristu Re 2017



# Il-Perit Ġużè Damato

## *Fl-okkażjoni tal-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja*



Dr Simon Mercieca

Il-perit Ġużé Damato hu assoċjat mad-disinn u l-bini ta' din il-knisja iżda ftit jafu li hu kien ukoll benefattur fil-bini tagħha u l-persuna li ddeterminat fejn kellha tinbena l-knisja. Kien hemm numru ta' ideat fejn kellha tinbena l-knisja. L-ewwel ħsieb kien li tinbena flok Santa Ubaldeska. Wara ġiet l-idea li din il-knisja tinbena fuq Tal-Borġ fuq stil "gotiku". Jingħad, il-perit Damato kien ħa l-bażilika tas-Sacre Coeur ġewwa Pariġi bħala mudell għal dan il-proġett.

Iżda dan il-proġett kellu numru ta' problemi. L-ewwel problema kienet li l-knisja kienet ġejja bl-abside tagħha tħares lejn in-nofsinhar, jiġifieri lejn Ħal Tarxien. Ix-xewqa kienet li l-apside tkun tħares lejn il-lvant, bħal bażiliki l-qodma Kristjani. B'hekk fiha setgħet issir il-quddiesa magħrufa bħala "*ad orientem*" waqt li bħalma kien il-każ tal-knisja tas-Sacre Coeur f'Pariġi, tkun tista' ssir bażilika minħabba l-kobor u l-maestà tagħha. Kien hemm anki xi problemi rigward it-titlu ta' fuq l-art fuq din ix-xaqliba. Ħafna mill-art ta' din ix-xaqliba kien tal-Gvern u l-Gvern kien qed jagħtiha għall-iżvilupp. Mill-bidu tas-seklu għoxrin, il-Gvern kien qed joħroġ numru ta' plots għall-bini tad-djar fuq Tal-Borġ. Bħalma jiġri dejjem, dan iwassal għall-ispekulazzjoni. Skont tagħrif li kien għaddieli l-mibki Dun Mario Agius, fost dawk li fil-privat kellhom interess f'din iż-żona, kien hemm ċertu perit Busuttil.

Fuq kollox, il-kappillan li ħareġ bl-idea tal-bini ta' knisja ġdida, Dun Enrico Bonnici, ma riedx li jkollu l-knisja tiegħu bis-sagristija tiġi eżatt fit-tarf tal-limiti tal-parroċċa jew kif qallhom '*bil-bieb tas-sagristija jagħti għal ġo Ħal Tarxien*'. Fuq kollox, anki n-nies ta' Raħal Ġdid ma xtaqux knisja gotika. Ir-raġuni kienet ġejja mill-biża', li r-rivalità Parrokkjali ma' Ħal Tarxien, setgħet twassal biex ta' Ħal Tarxien jibdew jgħajru lin-nies tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid li għandhom knisja ċimiterju. Dan kien b'referenza għall-knisja li hemm fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fl-istess post, mibnija fuq stil gotiku fuq disinn tal-perit Emanuele Luigi Galizia. Dan l-istil arkitettoniku xejn ma kien niżel tajjeb man-nies ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Meta kont tifel, kont nisma' lix-xjuħ ta' madwar is-sagristija tal-knisja ta' Raħal Ġdid jitkellmu kemm din il-knisja taċ-ċimiterju ma kienet intgħoġbot min-nies. Kien stil mitqies wisq Ingliż. Għalhekk, dawk li kienu kontra l-kolonjalizmu Ingliż, ma tantx kienu jarawh b'għajnejn sbieħ.

Dun Adolf Agius kien jgħid li f'dan l-istadju kien issuġġerit li l-knisja tinbena fil-pjazza, fil-parti ta' fuq tal-pjazza lejn Triq Sammut bil-faċċata tħares lejn in-naħa ta' fuq il-pjazza. F'dik ix-xaqliba kien hemm



*Il-Perit Ġużè Damato*

xi art tal-knisja. Ikun f'dan l-waqt li l-Perit Ġużè Damato jissuġġerixxi post ieħor. B'hekk ippropona li l-knisja tinbena fejn tinsab illum.

F'din ix-xaqliba, l-art kienet tal-Gvern. F'dik il-ħabta, il-Gvern kien qed jagħti l-art b'ċens biex tkun tista' tiġi żviluppata. Damato kien ġa ħa biċċa art. Damato għamilha ċara li jekk imorru għal dan il-proġett u jibnu l-knisja f'din il-parti, hu kien lest li jċedi din il-parti, li kien ħa b'ċens lill-Knisja. B'hekk wara li ġie deċiż li tinbena hawn, din l-art ġiet ittrasferita lill-knisja. Minflok hu ħa art b'ċens f'parti oħra ta' Raħal Ġdid. Biss dan ma kienx l-uniku kontribut tiegħu. Hu kien ħadem b'xejn fuq il-bini tal-knisja u kien risponsabbli biex isib il-flus u d-donaturi għall-bini tal-knisja. Kien anki jorganiżża t-tombla kull nhar ta' Sibt biex id-dħul tagħha jmur għall-knisja. Ġużi Baluci rrakkontali li hu bħala tifel ġieli kien tqabbad biex itella' l-pedini tat-tombla minn Damato nnifsu. Kienet issir fejn illum hemm iż-żuntier. Damato baqa' responsabbli mill-ġbir għall-bini tal-knisja sakemm ġie Dun Franġisku Xuereb bħala kappillan.

Iżda minħabba l-kobor tal-knisja li Dun Bonnici u Damato riedu jibnu, it-trasferiment ta' din l-art ta' Damato ma kinetx biżżejjed. Kien hemm bżonn ta' aktar art. B'hekk kienet saret talba u l-Gvern kien ta l-art b'ċens lill-Knisja biex fuqha tinbena din il-knisja. Il-Gvern ta l-art b'ċens nominali u kien wieħed jagħlaq.

Kien imiss il-kappillan ta' wara Bonnici, jiġifieri Dun Salv Chircop biex jibda dan il-proġett. L-ewwel idea kienet li din il-knisja tkun ikbar milli hija llum. Kont nismagħhom jgħidu li kienet ġejja xi seba' piedi aktar wiesa' u tasal sa fejn illum hemm il-bandli jiġifieri tieħu t-triq u l-blokk ta' warajha li kienu għadhom għelieqi. Il-ħsieb kien li wara l-knisja seta' jinbena palazz majestuż bħalma hija s-sagristija li hemm wara l-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma. Min-naħa l-oħra, f'dak li hu wisa', il-kampnar ta' Triq Ġużé Damato kien ġej f'linja dritta ma'Triq l-Arkata u mhux il-ġewwa minnha bħalma huwa llum. Imbagħad kienu qassruh u dejquh għall-kobor tal-lum.

Dan it-tidjiq wassal biex il-kolonni tal-kor ma jkunux tal-istess distanza bħal dawk tal-korsija. Jidher li kienu ġa tqegħdu il-pedamenti meta ġie deċiż li titqassar u tidjieq. B'hekk il-kolonni ta' wara tal-kor ma setgħux ikunu mbegħdin fl-istess distanza bħal tal-korsija. Meta s-Sur Ġuże Damato dejjaqhom kellu b'hekk iċekken u jagħlaq kif jagħlqu il-kolonni fuq wara, jiġifieri b'arkati idjaq. Dan l-istil insibuh użat f'numru ta' knejjes fi Franza, inkluż fil-famuża Bażilika tas-Sacre Coeur ta' Pariġi. Infatti, id-distanza bejn il-kolonni fil-kor ta' din il-bażilika huma idjaq minn dawk tal-korsija.



Progetto per la nuova Chiesa di Casal Paula
Facciata Laterale

Monsinjur Ġużeppi Sapiano li qabel ma sar professur tal-filosofija fl-Università ta' Malta, kien jgħallem il-liturġija ma qabel xejn ma' dan it-tidjiq. Sapiano kien għamel il-prima messa tiegħu Raħal Ġdid. Hu qatt ma ħafifhra lis-Sur Ġużé Damato talli dejjaq l-arkati ta' wara u għamilhom iċken minn dawk tal-korsija. Niftakarhom jitkellmu dwar is-suġġett fit-

tberik. Meta kien isir it-tberik ta' fejn kienu joqgħod Sapiano u ħutu, il-kappillan Agius kien iħalli d-dar tagħhom għall-aħħar u mbagħad flimkien mal-qassisin li jkunu ħarġu miegħu, fosthom Dun Mario, u l-abbatini li jkunu ħarġu jassistu magħhom, kienu jkunu mistiednin għall-'high tea' fid-dar tagħhom. Darba miss lili nkun ma' Dun Adolf u fuq il-mejda kien tqajjem dan is-suġġett tal-arkati. Din l-istorja tagħhom ġiet imfakkra lili minn Dun Mario Agius li wkoll jiftakar lill-Monsinjur Sapiano jitkellem dwar dan il-fatt u ma kienx qabel li tidjiq il-knisja u li l-arkati ta' wara ma segwux l-istess distanza.

Biss meta dejjaq il-knisja ħareġ il-ġenjalità u s-sengħa ta' inġinerija li kien jippossedi s-Sur Ġużè Damato għaliex kellu jipproġetta l-ħames kappelel ta' wara, li kienu differenti fid-daqs u fl-għamla tagħhom mill-bqija tal-kappelli tal-knisja. Ma naħsibx li kien hemm periti f'Malta f'dik il-ħabta kapaċi jagħmluh dan ix-xogħol ta' inġinerija arkitettonika. Hemmhekk għeleb problemi li ħafna periti beżgħu minnhom jew ma kinux kapaċi jagħmlu. Dawn huma l-kappelel tas-Sagrament, id-daħla tas-sagristija u dik tal-oratorju u anki dawk li qabel kienu jservu bħala l-kappella ta' San Lawrenz u ta' San Piju X. B'hekk dawn il-kappelel huma ikbar u għandhom iċ-ċentru tal-istruttura mhux fin-nofs taċ-ċirku iżda l-ġewwa minnu. Dawn jitqiesu bħala waħda mill-ikbar kisbiet arkitettoniċi u xogħol ta' inġinerija li saret fil-knisja.

L-istil tal-bini li addotta l-Perit Damato kien wieħed li l-Maltin tal-Afrika ta' Fuq, speċjalment dawk ta' Tuneż, kienu mdorrijin bih fil-knejjes tagħhom f'din il-belt Għarbija. Kien hemm f'dik il-ħabta numru ta' familji f'Raħal Ġdid li kienu ġejjin u sejrin it-Tuneżija. Numru ta' familji Maltin mit-Tuneżija bdew anki jfittxu li joqogħdu f'Raħal Ġdid. In-nanna paterna tiegħi, li twieldet Raħal Ġdid, fl-1903, kellha min jiġi minnha fit-Tuneżija u kienet tirrakkonta li meta kienet żgħira kienu ħaduha u ġabuha lura mit-Tuneżija fi vjaġġ li ħa, 'l hemm u 'l hawn, b'kollox jumejn. L-istil tal-pjanta ta' Damato tixbaħ ħafna l-knisja li l-Maltin kellhom f'Bab il-Ħadra ġewwa t-Tuneżija u li kienet iddedikata lill-Qalb ta' Ġesú. Oriġinarjament, din il-knisja kienet iddedikata lil San Pawl, iżda mbagħad, kien hemm kongregazzjoni Franċiża u ddedikat il-knisja lill-Qalb ta' Ġesù. Bħala titular kellha statwa tal-Qalb ta' Ġesù f'niċċa.

B'hekk il-perit Damato rriproduċa fil-knisja ta' Raħal Ġdid dawk l-elementi ta' statwi fuq l-altari li l-Maltin ta' Tuneż kienu mdorrijin bihom. Fuq kollox, il-perit Damato ried jagħmel l-altari minn irħam abjad, bħalma kien il-maġġur ta' din il-knisja. F'dawn il-kappelel jew niċeċ, Damato ried statwi tal-irħam. Dan jispjega għala t-titular u l-altari tal-ġenb ma għandhomx pittura iżda statwi. Damato daħħal element ġdid. Minflok hu għamel twieqi. Dan kien ifisser li l-knisja għandha aktar dawl naturali fiha.

Anki meta tqassret u djieqet, il-knisja kellha tkun ikbar milli hija llum. Oriġinarjment, kien ser ikollha zuntier jasal eżattament mal-linja tal-ħwienet li hemm fin-naħa ta' fuq tal-pjazza. Fil-passat, din il-parti tal-pjazza kienet magħrufa bħala Pjazza Palma. Peress li fil-parti t'isfel tal-pjazza kienet inqatgħet linja tat-triq aktar il-ġewwa, kien ġie deċiż, li għar-raġuni tat-traffiku, tittieħed din il-parti miz-zuntier, ħalli jiġi mal-linja ta' isfel tal-pjazza. Peress li l-knisja qablet, il-Gvern kien għamel iz-zuntier li għandha llum mingħajr mal-knisja tilfet id-dritt tagħha fuq din l-art ta' quddiemha. Il-Gvern kien waqqa' wkoll il-blokk li kien oriġinarjament il-każin ta' Strickland. Dan kien jinsab quddiem il-kampnar ta' Church Avenue. Dan kien ukoll b'ċens jagħlaq. Kien jagħlaq wara dak tal-knisja parrokkjali. Meta għalaq, il-Prim Ministru Laburista ta' dak iż-żmien, Pawlu Boffa, kien ħafer iċ-ċens. B'hekk l-art kollha saret tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid.



Min-naħa, l-oħra, il-każin ta' quddiem il-kampnar kien bnieh Strickland apposta quddiem il-knisja minħabba l-inkwiet li nqala' fl-1926. Dan l-inkwiet politiku kien minħabba li l-perit Ġużè Damato kien ħareġ fl-elezzjoni ta' dik is-sena mal-Partit Nazzjonalista u kien ukoll il-president tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Raħal Ġdid. F'dik il-ħabta dan kien każin importanti għaliex kien l-ewwel każin tal-Partit Nazzjonalista, wara l-Unjoni bejn il-Panzavecchjani u l-Mizzjani, f'Malta.

Peress li kien hemm tenzjonijiet bejn il-knisja u s-soċi ta' dan il-każin ta' Strickland, Ġużi Baluci irrakkontali li kienet id-drawwa li fi żmien il-festa, il-kappillan kien idur il-każini. Minħabba din il-kwistjoni ma' dan il-każin li kienet tmur għal żmien Strickland, il-kappillani kienu jevitaw jidħlu f'dan il-każin. Kif Dun Adolf leħaq kappillan, kien talbu, lil Baluci, li dak iż-żmien kien Patri Karmelitan, biex imur miegħu fi żmien il-festa u jieħu drink miegħu minn hemm biex jurihom li hu ma kellu xejn kontra tagħhom.

Wara li l-Partit ta' Strickland kien beda jbatti, dan il-post kien sar social club, u mbagħad is-soċi kienu għamluh Każin Laburista. Kien twaqqa' wara li kien għalaq iċ-ċens u l-Gvern ma kienx ġedded iċ-ċens ta' dan il-każin. Meta twaqqa' dan il-każin, il-Lejber kienu xtraw il-post ta' Ross u għamluh każin.

Biss anki jekk il-Gvern Nazzjonalista tas-sittinijiet kien ħa biċċa miz-zuntier, kien għamel il-balavostri u ħalla l-art imħarbta. Monsinjur Xuereb kien ħa ħafna għalih. Fuq l-inizzjattiva ta' Ġużè Cassar Galea, il-Gvern Nazzjonalista ta' dik il-ħabta kien għamel iz-zuntier tal-Kappuċċini ta' Għajn Dwieli. Imbagħad, Cassar Galea kien ser iħallas għall-istatwa ta' Sant Antnin iżda l-proġett ma kienx sarx. Xuereb kien ħa għalih, għaliex qal li l-Gvern Nazzjonalista għamel il-paviment ta' Għajn Dwieli u mhux tal-knisja ta' Raħal Ġdid. Cassar Galea kien imħallat ma' Xuereb. Kien miżżewweġ lill-neputija ta' Monsinjur Xuereb. Wieħed jissuspetta li l-knisja ta' Raħal Ġdid spiċċat vittma ta' ġlieda interna, bejn Emilio Camilleri, li kien fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista ta' Herbet Ganado u t-taqsima l-oħra tal-Partit Nazzjonalista, dik ta' Ġorġ Borg Olivier. Emilio Camilleri kien fanatiku għal Raħal Ġdid. Din il-ġlieda twassal biex meta miet id-deputat Ġorġ Caruana li kien jitla' fuq id-distrett ta' Raħal Ġdid, Borg Olivier qagħad attent li jiġi co-opted deputat, ftit magħruf u ma għandux x'jaqsam ma' dan l-inkwiet intern f'Raħal Ġdid. Dan kien Eddie Fenech Adami. Emilio Camilleri ħass li kellu jkun hu li jieħu post Caruana fil-parlament. Dwar Emilio Camilleri u l-imħabba tiegħu lejn Raħal Ġdid, kif ukoll il- konnessjoni tiegħu mal-Banda De Paule, li tagħha kien ukoll President, nispera li jkolli ċans nikteb f'ħarġa oħra.